

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione Tributaria Provinciale di Cagliari (l-Italja) fl-24 ta' Novembru 2017 – Francesca Cadeddu vs Agenzia delle Entrate – Direzione provinciale di Cagliari et

(Kawża C-667/17)

(2018/C 052/31)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Commissione Tributaria Provinciale di Cagliari

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Francesca Cadeddu

Konvenuti: Agenzia delle Entrate – Direzione provinciale di Cagliari, Regione autonoma della Sardegna, Regione autonoma della Sardegna – Agenzia regionale per il lavoro

Domanda preliminari

L-Artikolu 80 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (¹) tal-11 ta' Lulju 2006 u l-Artikolu 2(4) tal-istess regolament għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 50(1)(c) tad-DPR Nru 917 tat-22 ta' Diċembru 1986, li skonta huma assimilati mad-dħul minn impjieg "c) l-ammonti mħallsa minn kwalunkwe persuna bħala borża ta' studju jew allowance, premju, jew sussidju għal skopijiet ta' studji jew tħriġ professionali, jekk ma tkun teżisti l-ebda relazzjoni ta' impjieg bejn il-benefiċjarju u l-pagatur", liema ammonti huma konsegwentement suġġetti għat-taxxa ġenerali fuq id-dħul tal-persuni fiziċċi, anki jekk il-borża ta' studju tkun tħallset permezz ta' fondi strutturali Ewropej?

(¹) Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Regionali, il-Fond Soċċali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, p. 25).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Portugall) fit-28 ta' Novembru 2017 – Tratave-Tratamento de Águas Residuais do Ave SA vs Autoridade Tributária e Aduaneira

(Kawża C-672/17)

(2018/C 052/32)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Tratave – Tratamento de Águas Residuais do Ave SA

Konvenuta: Autoridade Tributária e Aduaneira

Domandi preliminari

1) Il-prinċipju ta' newtralità u l-Artikolu 90 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE (¹) tat-28 ta' Novembru 2006 jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik li tirriżulta mill-Artikolu 78(11) tal-Código do Imposto sobre o Valor Acrescentado (il-Kodiċi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud), interpretata fis-sens li, fil-każijiet ta' nuqqas ta' ħlas, it-taxxa tista' tiġi aggħustata biss ladarba jaġi kkomunikat l-annullament tat-taxxa lix-xerrej tal-oġġett jew tas-servizz, li jkun il-persuna taxxabbi, għall-iskopijiet tar-rettifikasi tat-tnaqqis magħmul inizjalment?